**Airbnb Issa Aċċessibbli Bid-Doppju tal-Lingwi**

Airbnb hija l-akbar suq onlajn fid-dinja għal postijiet uniċi u awtentiċi fejn toqgħod u affarijiet x'tista' tagħmel, u toffri aktar minn 7 miljun akkomodazzjoni u 40,000 attività magħmulin apposta, kollox xogħol ta' hosts lokali. Madwar sitt klijenti kull sekonda jagħmlu check-in f'listing ta' Airbnb. U dawn iċ-check-ins qed isiru madwar id-dinja: Fl-2011, kien hemm 12-il belt b'aktar minn 1,000 listing ta' Airbnb; illum il-ġurnata hemm kważi 1,000 belt li għandha aktar minn 1,000 listing ta' Airbnb. Bl-istess mod, fl-2011 belt waħda biss laqgħat aktar minn 100,000 persuna f'listings tal-Airbnb, iżda matul l-aħħar sena, aktar minn 300 belt laqgħat aktar minn 100,000 persuna fiha.

Minkejja li Airbnb diġà tintuża f'aktar minn 191 pajjiż u reġjun madwar id-dinja, qed naħdmu b'mod kostanti biex nagħmlu l-pjattaforma tagħna aċċessibbli għal aktar nies.  Minn Albaniż sa Zulu, irridu li kulħadd iħossu milqugħ fuq Airbnb, irrispettivament mil-lingwa li jitkellem.

Illum, qed nirduppjaw in-numru ta' lingwi li l-hosts u l-klijenti jistgħu jużaw fuq Airbnb. Issa li tappoġġja 62 lingwa madwar id-dinja, il-pjattaforma tal-Airbnb hija aċċessibbli għal aktar minn 4 biljun kelliem nattiv[1]. Permezz ta' dawn il-lingwi l-ġodda, qed naħdmu biex nipprovdu opportunità ekonomika lil saħansitra aktar hosts, u nagħmluha aktar faċli għal aktar klijenti biex jesperjenzaw vjaġġar li huwa lokali, awtentiku u uniku.

Dawn huma l-31 lingwa ġdida li issa huma disponibbli fuq Airbnb:

1. Albaniż (l-Albanija)
2. Armen (l-Armenja)
3. Ażeri (l-Ażerbajġan)
4. Bożnijaku (il-Bożnija)
5. Bulgaru (il-Bulgarija)
6. Ċiniż Tradizzjonali (Hong Kong SAR)
7. Ingliż (l-Awstralja)
8. Ingliż (il-Kanada)
9. Ingliż (ir-Renju Unit)
10. Estonjan (l-Estonja)
11. Franċiż (il-Kanada)
12. Ġeorġjan (Ġeorġja)
13. Ħindi (l-Indja)
14. Irlandiż (l-Irlanda)
15. Latvjan (il-Latvja)
16. Litwan (il-Litwanja)
17. Maċedonjan (il-Maċedonja ta' Fuq)
18. Malti (Malta)
19. Montenegrin (il-Montenegro)
20. Rumen (ir-Rumanija)

[1] Ethnologue.com, Ottubru 2019. It-62 lingwa tal-Airbnb issa huma disponibbli biex ikopru aktar minn 4 biljun kelliem nattiv. In-numru totali ta' kelliema nattivi li se nkopru bi 62 lingwa huwa 4.3 biljuni. (3.3 biljuni mill-31 lingwa eżistenti tagħna, flimkien ma' 1 biljun mill-31 lingwa ġdida li qed inniedu issa.)

21. Serbjan (is-Serbja)
22. Slovakk (is-Slovakkja)
23. Sloven (is-Slovenja)
24. Spanjol (l-Amerika Latina)
25. Spanjol (l-Arġentina)
26. Swahili (l-Afrika)
27. Tagalog (il-Filippini)
28. Ukren (l-Ukraina)
29. Vjetnamiż (il-Vjetnam)
30. Xhosa (l-Afrika t'Isfel)
31. Zulu (l-Afrika t'Isfel)

Għall-hosts u l-klijent tagħna li jużaw il-websajt jew l-app ta' Airbnb, huwa faċli taqleb għal lingwa ġdida. Fuq id-desktop, agħfas hawn biex tagħżel lingwa. L-apps tal-mowbajl tagħna jużaw il-lingwa magħżula fis-settings tal-apparat. Biex jaqilbu, l-utenti jistgħu sempliċement imorru fuq is-settings tal-apparat tagħhom biex jibdlu għal waħda mil-lingwi lokali l-ġodda li issa qed nappoġġjaw.